MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 230/2008

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Antoinette Portelli**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta` Frar, tas-sena 2008 fejn intalab sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta` €436.20c (erba' mija u sitta u tletin Euros u ghoxrin centezmu), rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma` client contract number 1013709 fir-rigward ta` servizzi rezi ghax xhur bejn April, 2007 u Settembru, 2007.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` l-ittra ufficcjali tal-11 ta` Jannar, 2008 u tal-mandat ta` sekwestru pprezentat kontestwalment ma` dan l-avviz u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta ngunta in subizzjoni.

Ra lil konvenuta ghalkemm debitament notifikata baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Gie notat illi l-kawza giet differita ghas-seduta ta` llum biex jinstemghu l-provi kollha tal-partijiet.

Sema` x-xhieda tal-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut li kkonferma bil-gurament tieghu illi l-ammont mitlub f`dina l-kawza kien ghadu dovut sa l-gurnata ta` llum.

Gie notat ukoll li l-konvenuta ghalkemm msejha diversi drabi baqghet ma deheritx u kwindi wisq anqas gabet provi in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lil konvenuta thallasha s-somma ta` €436.20c (erba' mija u sitta u tletin Euros u ghoxrin centezmu), bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` dan l-avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kif mitluba a karigu ta` l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------